KLR 18/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2014 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

SKUŻAT:-il-membru Anthony Briffa.

## 1. Talba u approvazzjoni tal-minuti

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni nurmu 5 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 5**

**Nitlob sabiex jinqala l-ħajt tal-kantun u jerġa jinbena bl-istess ġebel li qiegħed ħdejn blokk B f'taċ-Ċawla H. E. Dan jinsab fi stat ta' periklu ħafna minħabba li żżaqqaq 'l barra bil-konsegwenza li dalwaqt jaqa'. Ma' l-istess ħajt hemm ukoll xi *hangers* tal-iskart domestiku u taħtu jipparkjaw il-vetturi.**

Il-membri qablu li l-Perit għandu jara x-xogħol li hemm involut.

Mozzjoni numru 6 ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni Numru 6**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob li l-bankina li hemm ħdejn blokk B u blokk C, li hija fi stat ħażin ħafna, tinbidel u ssir pariġġ il-bankini l-oħra li saru minn kunsilli perċedenti quddiem il-blokki tal-appartamenti 'l oħra f' taċ-Ċawla H.E.**

Il-kunsillier Debrincat għarraf lill-perżenti li dan ix-xogħil jista' jsir mill-Gvern Ċentrali wara li l-kunsill jissuplixxi l-madum. Il-membri qablu.

**3.** ***Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Ix-xogħol fit-toroq iż-żgħar beda nhar it-Tnejn 5 ta Mejju 2014. Wara konsultazzjoni mal-Perit ġie konkluż li l-*water culvert* fi Triq Arċipriet Saver Cassar ma jsirx peress li meta snin ilu nqalet din it-triq kienu ħassu l-postijiet u ġarrbu xi ħsarat. Barra minn hekk wara li tqaxxret it-triq instabet bażi soda tal-konkos u ma tteħidx ir-riskju li dan jitkisser. L-alternattiva għall-*water culvert* hi li l-ilma tax-xita jinqabad minn fuq, fil-kantuniera ma Triq San Ġorġ u jsir lejn Pjazza San Ġorġ. L-isqaqien qatt ma kienu mniżżla mal-proġett u l-parti ta' fuq ta' Triq Arċipriet Saver Cassar ukoll ġiet eskluża. Biex titkompla trid tinħareġ offerta separata.

Il-membri ġew mgħarrfa wkoll li minn naħħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabu xi oġġezzjonijiet qabel inbeda x-xogħol. Saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn ġew iċċarati xi ntoppi li nqalgħu minn naħħa ta' din il-korporazzjoni. Pjazza Savina ser tinbeda qabel il-festi pero' Triq Sir Adrian Dingli u Pjazza Indipendenza ser jinbdew wara s-sajf.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti rigward laqgħa li saret fil-PPCD nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 li għalija attenda hu u l-*Project Administrator.* Nhar il-Erbgħa 7 ta' Mejju 2014 saret ukoll laqgħa ma rappreżentanti tal-kumitat tal-monument f'ġieħ Mons. Luiġi Vella fejn ġew diskussi x-xogħol li jrid isir qabel jibda t-tqegħid tal-monument.

Waqt li kien qed jiġi diskuss dan is-suġġett il-membri qablu li jiġi suġġerit:-

i. li l-logħob tan-nar tal-art fi Pjazza Savina jibda jsir fuq blokki tal-konkos;
ii. lill-Transport Malta (TM) li waqt li jkunu qed isiru x-xogħolijiet, ma jitħallewx aktar karozzi tal-linja, *coaches* privati nkluż dawk li joffru s-servizz tal-*hop-on-hop-off*, jagħddu mill-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika,
iii. lill-TM sabiex fi Pjazza Indipendenza fejn bħalissa hemm l-*un/laoding* sat-15.30 minħabba l-monti, minflok isir parkeġġ għall-vetturi żgħar.
iv. l-bejjiegħa tal-ħut jitneħħew minn Pjazza Indipendenza u
v. l-*area* riservata għat-*taxis* tkun tieħu spazju għal-tlett vetturi u mhux aktar.

Dawn l-aħħar tlett propsoti għal meta jitlesta l-proġett u l-monti jitneħħa minn din il-pjazza.

**3.1 Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni:-Avviż nru. 12/2013.** ***Setting up of Wi-Fi hotspots in Victoria, Gozo – Project ERDF 249. (Ref. ERDF tend. 12/13).***

Tressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni u l-membri qablu li jimxu mal-parir ta' dan il-bord u l-offerta tingħata lil- Ozone Ltd. Ir-rapport jinsab anness f'dokument A.

**4.** ***Update – Playing Field***

Id-deċiżjoni tal-Public Contracts Review Board (PCRB) għadha ma tteħditx.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza relatata mal-*palying field* mingħand:-

4.1 l-Enemalta fejn intalab il-ħlas għall-konsum tad-dawl taż-żewġ *floodlights* li hemm f'dan il-*playing field*. Il-membri ma qablux li din l-ispiża għandu jidħol ghaliha l-Kunsill peress li l-*playing field* hi art pubblika. Barra minn hekk dawn il-*floodlights* ilhom ħafna mitfija;

4.2 mingħand il-John Galea, Prokuratur Legali fid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern. Din titratta dwar il-*kiosk* tal-*playing field*. Billi fil-preżent din il-kiosk mhix tintuża dan id-Dipartiment qed jitlob li l-kera li l-Kunsill għandu fuq din il-kiosk titwaqqaf. Il-Kunsill irrisponda din il-korrispondenza permezz tal-Avukat tiegħu;

4.3 Silvio Frendo Assistent Direttur, Gvern Lokali, rigward (Memo 87/2011) l-iskema ta' Finanzjament għall-Proġetti Speċjali. Il-Kunsill kien applika sabiex jakkwista fondi għall-i*skate boarding* u *BMX track* fil-*palying field*. Minn din l-iskema kien ser jibbenefika minn €15,000. Permess ta' din il-korrispondenza il-Kunsill ġie mgħarraf x-xogħol fuq din l-iskema kellu jkun lest sa l-aħħar ta' Diċembru 2013 u peress li l-proġett għadu ma nbediex dawn il-flus ġew irtirati. Il-Kunsill jista' jerġa japplika għall-fondi taħt l-iskema li tkun miftuħa fiż-żmien li jinbeda l-proġett.

**5. Jum il-Belt Victoria**

Il-programm finali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jinsab anness f'dokument B.

**6. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

6.1 tabella ta' *No Stopping* fil-parti t'isfel ta' Triq San Ġorġ;

6.2 tabella li turi *cul-de-sac*, u tneħħija ta' perkeġġ għal-persuni b'diżabilita' fi Triq Sir M'Anġelo Refalo;

6.3 *double yellow lines* n-naħħa l-oħra ta' garaxx ta' Louis J. Sant Cassia, fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

6.4 *Stop* fil-kantuniera ta' Triq Ġuże' Micallef kantuniera ma Triq Manuel Dimech.

6.5 TM talbet il-veduti tal-Kunsill, tal-Kap tal-iskola Primarja tar-Rabat u tal-Pulizija minħabba suġġeriment li sar sabiex waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola, Triq Vajrinġa tibqa' miftuħa u t-tfal jibdew jidħlu u joħorġu mil-bieb tal-ġenb ta' Triq Sir Arturo Mercieca. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob il-veduti tal-Kap tal-iskola qabel jieħu deċiżjoni;

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall-:-

6.6 bankina aċċessibli għall-persuni b'diżabilita' fi Triq l-10 ta' Ġunju, wara *The Duke*;

6.7 metru *double yellow line* biswit il-garaxx 'Jorvic' Ttiq Wied is-Seqer;

6.8 metru *double yellow line* biswit il-garaxx 'Jaclyn' TriqViani;

6.9 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq it-Tabib Anton Tabone mat-triq li tieħdok għal-*Housing Estate* taċ-Ċawla;

6.10 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq il-Muniċipju Ruman ma Triq Fortuanto Mizzi;

6.11 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq it-23 ta' April ma Triq Patri Anton Debono;

6.12 tabelli ta' *speed limit* fil-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem;

6.12 Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' TM rigward x'sinjali għandhom isiru fi Triq l-Mitħna peress li fija partijiet dojoq u qed ikun hemm sewqan b'veloċita eċċessiva. Għandu jkun hemm ukoll sinjali fl-art fil-parti tal-kanutniera ma Triq Santa Dminka;

## 7. Approvazzjoni tal-kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xhur ta' Mejju u Ġunju 2014 skont dokument Ċ(i) u Ċ(ii) annessi.

## 8. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 GaleaCurmi rigward il-bozza ġdida għal 'Xambekk Crt', Triq Wied Seqer. L-istima tal-ispejjes żejda li hemm involuti sabiex titressaq il-bozza jammontaw għall-€479,83. Is-Sindku qal li tkellem ma l-Inġiniera u ssuġġerewlu li jekk jeħlu żewġ bozzoz minflok waħda, l-Enemalta ma ssibx oġġezzjoni minn naħħa tagħha. Il-Kunsill għandu jgħarraf lill-GaleaCurmi b'dan;

8.2 Jacqueline Grech li talbet sabiex titneħħa bozza minn ma post fi Triq Mro. Dirjano Lanzon peress li ser twaqqgħu. Il-Kunsill ser jitlob kopja tal-permess tal-MEPA;

8.3 Michael Said ta' 'Marija Bambina', Triq Karolina Cauchi fejn għarraf lill-Kunsill li l-bozza tad-dawl li hi mwaħħla mad-dar tiegħu qed tikkawża ħsara fuq il-ħajt. L-Inġineira tad-dawl għandhom jiġu nfurmati b'dan;

8.4 Kelvin Catesby li joqgħod fi Sqaq Numru 1, fi Triq Sant'Indrija li staqsa għalfejn l-isqaq fejn joqgħod hu ma nkesiex sa ġew bl-i*stenciled concrete*. Dan ix-xogħol ma sarx mill-Kunsill u s-Sur Castby għandu jiġi nfurmati b'dan.

8.5 Paul Cassar għan-nom tal-Kumitat tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. Qed jintalab li l-kiosks li jbiegħu l-ikel jitħarku minn fjen jarmaw is-soltu. Dan il-kumitat għandu jressaq bil-miktub il-post alternattiv;

8.6 Eyad li hu sid il-ħanut *Skyphone* fi Triq it-Tabib Anton Tabone, li talab għal-permess ta' *un/loading* quddim il-ħanut tiegħu. Is-sid ta' dan il-ħanut għandu jipprovdi kopja tal-permess tal-ħanut;

8.7 il-*Gozo Action Group* fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser toħroġ l-applikazzjoni għall-Fondi taħt Miżura 413.4 –'Landscaping'. Il-membri qalbu li terġa tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-proġett tal-Lunzjata u Wied Żejta.;

8.8 Michael Stivala rigward multa fuq ċitazzjoni. Il-Kunsill m'għandux il-kompetenza li jaħfer il-multi addizzjonali fuq iċ-ċitazzjonijiet;

8.9 il-MEPA rigward rapport fuq vetturi tqal ipparkjati fl-*area* ta' Wied Grixti fi Triq Kerċem. Il-Kunsill jaqbel li kull deċiżjoni li tittieħed mill-Awotoritajiet konċernati, tkun skont il-*Policy Guidelines* tal-MEPA;

8.10 Jason Micallef, *Chairman*, Fondazzjoni Valletta 2018. Ser isiru serje ta' laqgħat ma rappreżentati tal-kunsilli Għawdxin. Il-Viċi Sindku aċċetta li jkun ir-rappreżentant;

8.11 Charlie Hili mill-Uffiċċju tal-Kultura fejn talab sabiex juża s-sala tal-Kunsill għal-wirjiet. Billi din is-sala ser tiġi konvertita f'uffiċċju, din it-talba ma tistax tintlaqa';

8.12 Maryanne u Sammy Spiteri rigward ix-xogħol ta' tarmak ta' Triq Sagħtar. Dan ix-xogħol qed jitkompla issa wara li ġew eskalati diffikultajiet rigward is-servizzi tal-ilma u dranaġġ;

8.13 il-MEPA rigward NP 50/14 biex jiġu *uprooted* u miżbura s-siġar ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex u Pjazza Indipendenza. Din it-talba ma ġietx aċċettata.

**9. Materji oħra**

Il-membri qalu li:-

9.1 r-*railing* tal-isqaq fi Triq Agius de Soldanis qrib id-dar numru 12 isir b'mod li jkun jista' jinqala';

9.2 jinħartu s-*soft areas* f'taċ'Ċawla H. E.;

9.3 titranġa l-bankina ta' quddiem 42, Triq Vajrinġa;

9.4 ‘il quddiem jiġi kkunsidrat li f’Ħamis ix-Xirka u kull meta festa pubblika taħbat il-Ġimgħa, l-iskart domestiku jinġabar il-Ħamis ta’ qabel;

9.5 jinxtraw żewġ lampi dekorattivi għal quddiem il-bini tal-*Victoria Scout Group*. Dan wara li l-Inġiniera Galea Curmi jipprovdu stima;

9.6 wara li jitranġa l-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone, il-kiosk tiġi mikrija wara sejħa pubblika.

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

9.7 daħlu €7,000 għall-attivita’ ta’ lejliet l-ewwel tas-sena mill-iskema tal-attivitajiet;

9.8 il-Kunsill qed jibbenefika mis-servizz ta’ *cleaner* fl-uffiċini tiegħu permezz tal-iskema *Greening the Econony*, mnegħdija mill-Ministeru għal Għawdex u l-ETC;

9.9 ġiet sottomessa l-porposta għall-iskema *Greening the Community* mnehdija mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Enerġija u Tibdil fil-Klima, fejn il-Kunsill issuġġerixxa li jsiru qsari u pjanti u l-manteniment tagħhom, madwar iċ-ċentru tar-Rabat u matul Triq ir-Repubblika.

**10. Offerta – Restawr ta’ niċċeċ**

Infetħu l-offerti għax-xogħol tar-restawr tan-niċċeċ. L-offerti sottomessi huma skont dokumnt D anness. Il-Perit għandu jevalwa l-offerti u wara l-Kunsill jiddeċiedi fuq min għandu jieħu din l-offerta.

Tresqet korrispondenza relatata mingħand il-Kunsill Lokali tal-Fontana rigward in-niċċa tal-Kunċizzjoni fi Pjazetta fuq it-Tomba. Il-Kunsill qabel li din tiġi restawrata mill-Kunsill tal-Fontana.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 23 ta’ Ġunju fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |